

Brussell, 10 ta' Ġunju 2015
(OR. en)

9798/15

JAI 442
COSI 67

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020

Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015 - 2020, kif jinsab fl-Anness.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

**DWAR L-ISTRATEĠIJA TA' SIGURTÀ INTERNA MĠEDDA GĦALL-UNJONI
EWROPEA 2015-2020**

B'KONT MEĦUD tal-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini Ewropej rigward iż-żieda kontinwa ta' theddid maħluq b'mod partikolari mit-terroriżmu u kriminalità serja u organizzata,

WAQT LI JFAKKAR li l-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ġunju 2014¹, meta ddefinixxa l-Linji Gwida Strateġiċi għal ippjanar leġislattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja skont l-Artikolu 68 TFUE, appella għal rieżami u aġġornament tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna sa nofs l-2015,

WAQT LI JIKKUNSIDRA d-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Riga tad-29 u t-30 ta' Jannar 2015, li ssottolinjat il-ħtieġa u l-importanza ta' approċċ koordinat b'mod effettiv u koerenti tal-Unjoni Ewropea għas-snin li ġejjin sabiex jiġi indirizzat it-theddid multidimensjonali u interkonness għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea u f'dan ir-rigward enfasizzat ir-rwol tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020,

WAQT LI JFAKKAR fid-Dikjarazzjoni tat-12 ta' Frar 2015 mill-membri tal-Kunsill Ewropew li ssottolinjat l-impenn biex l-azzjoni kontra t-theddid ta' terroriżmu tissaħħaħ aktar, f'konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u pprevediet gwida għal ħidma lejn l-iżgurar tas-sigurtà taċ-ċittadini, il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u s-salvagwardja tal-valuri kif ukoll il-kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali,

WAQT LI JINNOTA d-deċiżjonijiet meħuda fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tat-12 ta' Marzu 2015² fejn ġew identifikati erba' oqsma ta' prijorità fil-ġlieda kontra t-terroriżmu – applikazzjoni msaħħa tal-qafas ta' Schengen, tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' indikazzjoni fuq l-internet, ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar kif ukoll aktar kondiviżjoni tal-informazzjoni u kooperazzjoni operazzjonali,

¹ EUCO 79/14

² 6891/15

WAQT LI JFAKKAR u JIŻGURA l-kontinwità tal-azzjonijiet li jinsabu fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea: "Lejn Mudell Ewropew ta' Sigurtà"³ approvata mill-Kunsill Ewropew fil-25 u s-26 ta' Marzu 2010, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura"⁴, il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea fl-azzjoni adottati mill-Kunsill fl-24 u l-25 ta' Frar 2011,⁵

WAQT LI JFAKKAR b'mod partikolari fil-prinċipji ta' gwida tal-Mudell Ewropew ta' Sigurtà, WAQT LI JIBNI fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' Strateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea tal-4 u l-5 ta' Diċembru 2014⁶, li jipprevedu sett komprensiv ta' prinċipji,

WAQT LI JIRRIKONOXXI r-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2014⁷,

WAQT LI JAGĦRAF il-ħidma sinifikanti li twettqet mill-Istati Membri, billi s-sigurtà nazzjonali tibqa' ir-responsabbiltà esklużiva ta' kull Stat Membru skont l-Artikolu 4(2) TFUE,

WAQT LI JFAKKAR fl-importanza li jiġu applikati l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, u WAQT LI JIKKUNSIDRA l-ħtieġa li fil-livell tal-Unjoni Ewropea tingħata attenzjoni partikolari lil dawk l-azzjonijiet li għandhom valur miżjud ċar għall-isforzi kontinwi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea,

WAQT LI JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu rispettati u promossi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji, kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan l-Unjoni Ewropea u fil-ħidma kollha mwettqa fil-ħolqien u s-sostenn ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja,

³ 7120/10
⁴ 16797/10
⁵ 6699/11
⁶ 15670/14
⁷ 2014/2918

WAQT LI JENFASIZZA l-importanza kruċjali li tiġi żgurata konformità shiġha mad-drittijiet fundamentali, inklużi dawk relatati mal-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali, il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni u l-prinċipji ta' neċessità, proporzjonalità u legalità għall-miżuri u l-inizjattivi kollha meħuda biex tiġi protetta s-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea,

WAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rwol ċentrali tal-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) biex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni operazzjonali dwar is-sigurtà interna tiġi promossa u msaħħa fi ħdan l-Unjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 71 TFUE, u kif jinsab fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 2010⁸, kif ukoll fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020, kif issottolinjat fil-punti ġenerali dwar ir-rwol futur tal-COSI⁹,

WAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-aġenziji tal-ĠAI biex jikkontribwixxu għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea,

WAQT LI JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu pprovduti riżorsi adegwati, fi ħdan il-baġit eżistenti tal-Unjoni, għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020, u li jsir użu effiċjenti u strateġiku mill-Fond għas-Sigurtà Interna u strumenti oħra disponibbli ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea biex jappoġġaw il-prijoritajiet tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020, inkluż billi jiżguraw li jiġu żviluppati għodod adegwati għall-politika ta' sigurtà industrijali u jiġu implimentati strumenti relatati mar-reżiljenza u l-ġestjoni tal-kriżijiet,

WAQT LI JISĦAQ fuq ir-rwol importanti taċ-ċiklu ta' politika tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali serja u organizzata¹⁰ u għat-tiġħ ta' kooperazzjoni operazzjonali u b'hekk biex jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 u wkoll jiżgura approċċ proattiv u mmexxi mill-intelligence kriminali f'dan ir-rigward,

⁸ 2010/131/EU

⁹ 7843/3/14

¹⁰ 15358/10

B'KONT MEĦUD tar-riżultati tad-diskussjoni fil-COSI fis-26 ta' Marzu 2015 u l-ħtieġa enfasizzata li titkompla l-ħidma bbażata fuq il-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata bejn l-2014 u l-2017¹¹ kif ukoll tad-diskussjonijiet dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà" li saret fil-laqgħa tal-COSI fis-7 ta' Mejju 2015 f'Riga,

IL-KUNSILL,

JINNOTA l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà" u JILQA' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tieħu kont tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea tal-4 u l-5 ta' Diċembru 2014 fil-komunikazzjoni tagħha,

JAQBEL li l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 u l-5 ta' Diċembru dwar l-iżvilupp ta' Strateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-UE u dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill bil-prinċipji deskritti hawn taħt ibbażati fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà", iġeddu l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea għall-2015-2020,

JENFASIZZA li l-iżvilupp u l-iżgurar tas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea hija aġenda kondiviża tal-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem flimkien mal-Kunsill dwar dan il-proġett komuni,

JIEĦU KONT tal-kontribut tal-Parlament Ewropew fit-tiġdid tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea,

JISSOTTOLINJA li l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 tirrappreżenta aġenda kondiviża komprensiva u realistika għall-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, u JQIS li huwa ferm importanti li jiġi żviluppat approċċ reattiv u operazzjonali fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020,

¹¹ 9849/13

JENFASIZZA l-ħtieġa li, fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020, jiġu kkunsidrati u żgurati l-koerenza u l-konsistenza mal-elementi rilevanti tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni", il-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli "Iċ-Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur" u dokumenti ta' politika rilevanti oħra kif ukoll, fil-qasam tad-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna, mal-proċess kontinwu ta' riflessjoni strateġika mmexxi mir-Rappreżentant Għoli bil-għan li tiġi żviluppata strateġija Ewropea wiesgħa dwar kwistjonijiet tal-politika estera u ta' sigurtà u l-ħidma futura mir-Rappreżentant Għoli biex tippreżenta qafas konġunt bi proposti fattibbli li jgħinu fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu u fit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Unjoni Ewropea,

JISSOTTOLINJA li għandu jiġi segwit approċċ rapidu u flessibbli mmexxi mill-intelligence, li jippermetti lill-Unjoni Ewropea tirreaġixxi b'mod komprensiv u koordinat għal theddid emerġenti, inkluż theddid ibridu, u sfidi oħra għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea,

JENFASIZZA kemm hu importanti li l-atturi rilevanti kollha skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom jikkontribwixxu għat-tfassil ta' kondizzjonijiet ta' sigurtà pożittivi fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u wkoll biex jipromwovu miżuri preventivi, b'mod partikolari permezz ta' approċċ multidixxiplinari u integrat,

JAQBEL dwar il-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, bil-għan tal-prevenzjoni ta' fenomeni kriminali,

JIDENTIFIKA l-prijoritajiet li ġejjin għas-snin li ġejjin fil-qasam tas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea:

- l-indirizzar u l-prevenzjoni tat-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni għat-terroriżmu u r-reklutaġġ kif ukoll il-finanzjament relatat mat-terroriżmu, b'attenzjoni speċjali għall-kwistjoni tal-ġlieda terroristi barranin, sigurtà msaħħa tal-fruntieri permezz ta' kontrolli sistematiċi u koordinati kontra l-bażijiet ta' data rilevanti bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju kif ukoll integrazzjoni tal-aspetti interni u esterni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu,
- il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, abbażi taċ-ċiklu ta' politika tal-UE,
- il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, kif ukoll it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà,

JENFASIZZA l-ħtieġa għall-protezzjoni tal-individwi, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli b'attenzjoni partikolari fuq il-vittmi tat-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata,

JISĦAQ fuq l-importanza ta' implimentazzjoni rapida tar-regoli msaħħa li jimpedixxu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u fuq il-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti kollha jżidu l-azzjoni biex jittraċċaw flussi finanzjarji u jiffriżaw b'mod effettiv assi użati għall-finanzjament tat-terroriżmu,

JENFASIZZA l-ħtieġa għal approċċ komprensiv fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin,

JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi, u JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu garantiti reżiljenza, tħejjija operazzjonali u koordinazzjoni politika għar-reazzjoni, l-indirizzar u l-mitigazzjoni ta' kriżijiet u diżastri naturali/ikkawżati mill-bniedem,

JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tissaħħaħ u tiġi mmodernizzata aktar is-sistema ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri għall-fruntieri esterni biex tkopri l-aspetti kollha tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna tal-Unjoni Ewropea, inkluż ir-rwol tagħha bħala element prinċipali importanti biex tinżamm u tissaħħaħ is-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza li jiġu rispettati r-responsabbiltajiet nazzjonali,

JENFASIZZA fuq il-ħtieġa għal konsolidazzjoni ta' għodod legiſlattivi eżistenti u applikazzjoni aħjar kif ukoll implimentazzjoni konsistenti, koerenti, effettiva u sħiħa tal-istrumenti eżistenti mill-Istati Membri kollha u li jiġu żviluppati, fejn adatt, għodod ġodda, inkluż għodod tal-ICT, abbażi ta' proċess ta' evalwazzjoni profonda tal-ħtieġa u l-valur miżjud ta' kull għodda bħal din biex jissaħħaħ il-qasam tas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea,

WAQT LI JIRRIKONOXXI r-rabtiet li qed jiżdiedu bejn is-sigurtà interna u esterna tal-Unjoni Ewropea kif ukoll filwaqt li jiġi segwit approċċ integrattiv u komplimentari mmirat biex titnaqqas is-sovrapożizzjoni u tiġi evitata d-duplikazzjoni:

- JENFASIZZA fuq l-importanza li jiżdiedu l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aqwa prattiki ma' pajjiżi u sħab terzi ewlenin dwar aspetti ta' sigurtà ta' interess komuni, b'mod partikolari, fil-qasam tal-kooperazzjoni operazzjonali u ġudizzjarja f'materji kriminali, inkluż permezz taċ-ċiklu ta' politika tal-UE, kif ukoll li tissaħħaħ il-kapaċità fil-kontroll tal-fruntieri f'pajjiżi li mhumiex fl-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward JISTIEDEN lill-COSI u lill-Kummissjoni biex jikkontribwixxu attivament għad-djalogi ta' politika dwar is-sigurtà li qed isiru ma' pajjiżi terzi ewlenin permezz ta', fost oħrajn, l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' azzjoni konġunti għal kooperazzjoni operazzjonali f'koordinazzjoni mill-qrib mal-azzjoni esterna ġenerali tal-Unjoni Ewropea,
- JENFASIZZA l-ħtieġa urġenti li jittieħed kont tal-importanza ta' żvilupp fil-ħolqien ta' soċjetajiet stabbli u l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-Unjoni Ewropea ma' sħab ġirien tagħha b'kont meħud tal-istrumenti finanzjarji rilevanti kif ukoll li tiġi żgurata koerenza aħjar bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea bħala parti mill-politika ta' kooperazzjoni esterna tagħha,
- JILQA' l-appell tal-Kunsill Affarijiet Barranin tat-18 ta' Mejju 2015 biex jiġu żviluppati sinerġiji bejn il-PSDK u atturi rilevanti fil-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u JAPPELLA lill-atturi kollha involuti biex ikomplu jżidu l-isforzi u l-appoġġ tagħhom għall-implimentazzjoni tal-prinċipji li jinsabu fil-pjan direzzjonali "Insaħħu r-rabtiet bejn il-PSDK u l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja",

- JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi żgurata sinerġija bejn l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 u l-proċess ta' riflessjoni strateġika attwali mmexxi mir-Rappreżentant Għoli bil-għan li tiġi żviluppata strateġija Ewropea wiesgħa dwar kwistjonijiet tal-politika estera u ta' sigurtà, u JISTIEDEN lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni biex jieħdu kont tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 u dokumenti oħra ta' politika rilevanti fil-qasam tas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea fil-politiki tar-relazzjonijiet esterni, umanitarji, u ta' żvilupp,
- JISTIEDEN lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni biex jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kunsill, b'mod partikolari permezz tal-COSI u l-KPS, dwar l-irbit bejn is-sigurtà interna u esterna tal-UE,

IQIS li, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri li huma mmirati lejn:

- it-titjib tal-iskambju u l-aċċessibbiltà ta' informazzjoni, speċjalment billi jiżguraw l-interoperabbiltà ta' sistemi differenti ta' informazzjoni u billi jinkoraġġixxu l-aktar għażla xierqa ta' mezzi għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti fi ħdan il-qafas legali eżistenti,
- it-tishiġ tal-kooperazzjoni operazzjonali,
- it-titjib tal-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' atti kriminali, b'enfasi partikolari fuq il-kriminalità finanzjarja organizzata u l-konfiska ta' assi kriminali, u ta' attacchi terroristiċi, inkluż il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u s-salvagwardja tal-valuri permezz tal-promozzjoni tat-tolleranza, in-nondiskriminazzjoni, il-libertajiet fundamentali u s-solidarjetà fl-Unjoni Ewropea kollha,
- it-titjib tat-taħriġ, il-finanzjament, ir-riċerka u l-possibiltajiet ta' innovazzjoni, speċjalment billi tiġi żviluppata aktar il-politika ta' sigurtà industrijali awtonoma, fost oħrajn f'oqsma bħall-kontroll tal-fruntieri, l-interoperabbiltà tat-tagħmir ta' sigurtà u s-servizzi tal-infurzar tal-liġi,

- l-iżvilupp kif ukoll il-promozzjoni tad-disponibbiltà u l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni sikuri u siguri sabiex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà fi ħdan l-Unjoni Ewropea,

JENFASIZZA fuq l-importanza ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, inkluż użu mtejjeb tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti, u strumenti oħra bbażati fuq il-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku,

JIRRIKONOXXI t-theddida serja li l-armi tan-nar illegali joħolqu għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea, u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li titħaffef l-implimentazzjoni ta' miżuri mmirati lejn it-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni dwar l-armi tan-nar, lejn it-tnaqqis tal-aċċess għal armi tan-nar illegali, lejn id-dekummissjonar u d-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar kif ukoll lejn il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi,

JAPPELLA lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-qafas leġislattiv dwar l-armi tan-nar malajr kemm jista' jkun, inkluż permezz ta' standards minimi sodi għad-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar u reviżjoni rapida tad-Direttiva 2008/51/KE dwar l-armi tan-nar skont il-prinċipji deskritti f'dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill,

IĦEĠĠEĠ lill-koleġislaturi biex jilhqqu ftehim dwar sistema soda u effettiva tal-PNR tal-UE b'salvagwardji sodi għall-protezzjoni tad-data, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiffinalizza l-ħidma tagħha dwar soluzzjoni legalment soda u sostenibbli għall-iskambju ta' data tal-PNR ma' pajjiżi terzi,

JAGĦTI STRUZZJONIJIET LILL-COSI:

- biex jiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u fejn adatt, bl-involvement ta' atturi rilevanti oħra bħas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-aġenziji tal-ĠAI, dokument ta' implimentazzjoni b'miri ċari b'lista ta' azzjonijiet prijoritarji għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn Diċembru 2015,
- biex jissorvelja f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, malli jirċievi l-kontribut mill-Istati Membri u, fejn adatt, b'appoġġ minn atturi rilevanti oħra bħas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-aġenziji tal-ĠAI, il-progress fl-implimentazzjoni Prattika tad-dokument ta' implimentazzjoni fuq bażi regolari u biex jaġġornah kif adatt,

- biex jirrapporta lill-Kunsill fuq bażi regolari dwar il-progress fl-implimentazzjoni prattika tad-dokument ta' implimentazzjoni,

JAPPELLA DWAR il-ħtieġa li jittieħed kont ta' dokumenti ta' politika oħra rilevanti fil-qasam tas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-kontributi tal-Parlament Ewropew, sabiex tiġi żgurata koerenza u konsistenza, meta jiġi żviluppat id-dokument ta' implimentazzjoni,

JAQBEL li ssir reviżjoni ta' nofs it-term dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda tal-Unjoni Ewropea 2015-2020, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, u, fejn adatt, bl-involviment tal-atturi rilevanti bħas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-aġenziji tal-ĠAI,

JAPPELLA lill-Istati Membri, lill-istituzzjonijiet u lis-servizzi tal-UE kollha kif ukoll lill-aġenziji tal-ĠAI biex jimmobilizzaw l-għarfien espert tagħhom u jiddedikaw ir-riżorsi meħtieġa biex jiżguraw rispons effettiv kemm fil-livell ta' politika kif ukoll fil-livell operazzjonali biex l-implimentazzjoni prattika tad-dokument ta' implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 tkun suċċess.
